MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Talba Numru. 152/2006

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**George Grech (ID-247261)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Frar, 2006, fejn intalab il-hlas ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm172.35), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 21453862(CN697324 a/c 10078686) skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness u markat Dok.A u Dok.B u kuntratt relattiv markat Dok.C.**
**Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-28 ta' Marzu, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tnejn u sebghin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm172.35) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-28 ta' Frar, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------